32003O0007

28.5.2003 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 131/20

# LINJA TA' GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW
## tat-2 ta' Mejju 2003
## dwar il-ħtiġiet tar-rappurtaġġ ta' l-istatistika tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-bilanċi tal-pagamenti u ta' l-istatistika fl-investimenti internazzjonali, u l-mudell tal-forma tar-riservi internazzjonali
## *(BĊE/2003/7)*

(2003/381/KE)

IL-KUNSILL REGOLATORJU TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew u partikolarment l-Artikolu 5.1, l-Artikolu 12.1 u l-Artikolu 14.3 tiegħu,

Billi:

(1) Biex twettaq id-doveri tagħha, is-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) teħtieġ statistika komprensiva u affidabbli tal-pagamenti u l-pożizzjoni ta' l-investimenti internazzjonali, u l-mudell tal-forma tar-riservi internazzjonali, li turi l-punti ewlenija li jaffettwaw il-kondizzjonijiet monteraji u s-swieq tal-kambju fiż-żona tal-euro.

(2) L-Artikolu 5.1, l-ewwel sentenza, tal-Istatut, teħtieġ li l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), mgħejjun mill-banek Ċentrali nazzjonali (BĊN), li jiġbru jew minn għand l-awtoritajiet kompetenti apparti milli minn għand il-BĊN jew direttament minn aġenti ekonomiċi l-informazzjoni tal-istatistika meħtieġa sabiex ikun jista li jidħol għad-doveri tal-SEBĊ. L-Artikolu 5.1, it-tieni sentenza, jipprovdi li għall dawn l-iskopijiet hu għandu jikkoopera mal-istituzzjonijiet jew mal-korpi tal-Komunità u ma l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew ta' pajjiżi terzi u ma l-organizzazzjonijiet internazzjonali. L-Artikolu 5.2 jistipula li l-BĊN għandhom iwettqu, sal-limitu possibbli, id-doveri deskritti fl-Artikolu 5.1.

(3) L-informazzjoni meħtieġa biex tilħaq mal-ħtiġiet tal-BĊE fil-qasam tal-bilanċ tal-pagamenti u mal-istatistika tal-pożizzjoni ta' l-investimenti internazzjonali tista tkun miġbura u/jew ikkomplita minn awtoritajiet kompetenti apparti milli l-BĊN. Għalhekk, uħud mid-doveri li għandhom jitwettqu skond din il-Linja ta' Gwida jeħtieġu kooperazzjoni bejn il-BĊE jew il-BĊN u dawk l-awtoritajiet kompetenti, bi qbil ma l-Artikolu 5.1 tal-Istatut. L-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 li jikkonċerna l-ġbir ta' l-informazzjoni tal-istatistika mill-Bank Ċentrali Ewropew [1] jeħtieġ li l-Istati Membri jorganizzaw infushom fil-qasam tal-istatistika u li jikkooperaw bis-sħiħ mal-SEBĊ sabiex jassiguraw it-twettieq ta' l-obigazzjonijiet tagħhom li joriġinaw mill-Artikolu 5 tal-Istatut.

(4) Parti mill-informazzjoni meħtieġa tal-istatistika tirrigwardja l-kont finanzjarju tal-bilanċ tal-pagamenti, li hu marbut mad-dħul u l-pożizzjoni internazzjonali tal-investimenti li għaliha l-Euro-sistema għandha r-responsabbilità ewlenija. Sabiex ikunu jistgħu li jwettqu l-obligazzjonijiet tagħhom biex jgħinu lill-BĊE f'dan il-qasam, il-BĊN għandhom ikunu mgħammra bl-esperjenza statistika meħtieġa, partikolarment f'dak li jirrigwardja l-kunċetti, l-metodoloġija u l-ġbir tad-dettalji, il-kompilazzjoni, l-analiżi u t-trasmissjoni. Fl-Irlanda il-*Central Statistcs Office (CSO)* (l-Uffiċju Ċentrali tal-Istatistika) jigbor u jikkompila l-informazzjoni relevanti tal-istatistika. Sabiex jilħaq il-ħtiġiet tal-istatistika tal-BĊE, il-Bank Ċentrali tal-Irlanda u s-CSO għandhom jikkooperaw bejniethom kif stabbilit fir-Rakkommandazzjoni BĊE/2003/8 dwar il-ħtiġiet tar-raportaġġ tal-istatistika tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-bilanċ tal-pagamenti u l-istatistika tal-pożizzjoni ta' l-investimenti internazzjonali, u tal-mudell tal-forma tar-riservi internazzjonali [2]. Fl-Italja, l-*Ufficio Italiano dei Cambi* huwa responsabbli, konġuntament mal-*Banca d'Italia*, għall-ġbir u l-ikkumpilar ta' l-informazzjoni tal-istatistika relevanti.

(5) Sa minn meta kienet saret l-adozzjoni tal-Linja ta' Gwida BĊE/2004/4 tal-11 ta' Mejju 2000 dwar il-ħtiġiet tar-raportaġġ tal-istatistika kif mitluba mill-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-istatistika tal-bilanċi tal-pagamenti, il-mudell tal-forma tar-riservi internazzjonali u l-pożizzjoni tal-istatistika ta' l-investimenti internazzjonali [3], l-iskambju ta' l-informazzjoni tal-istatistika fi ħdan il-SEBĊ kien żviluppa sinifikament. Huwa għalhekk meħtieġ li tkun mibdula l-Linja ta' Gwida BĊE/2004/4 b'din il-Linja ta' Gwida preżenti.

---
(1) ĠU L 318, tas-27.11.1998, p. 8.

(2) ĠU C 126, tat-28.5.2003.

(3) ĠU L 168, tat-23.6.2001, p. 25.

(6) Kif imsemmi fir-Regolament (KE) Nru 2533/98, fis-snin bikrija taż-żona tal-munita singola, l-effettività tal-ispiża tista tkun teħtieġ il-ħtiġiet tar-raportaġġ tal-istatistika tal-BĊE li jkunu sodisfatti permezz ta' proċeduri tranżizzjonali minħabba ġ-ġeghil eżistenti tas-sistemi tal-ġbir. Dan jimplika partikolarment li, fil-każ tal-*portfolio* tal-kont tad-dħul tal-investimenti, u tal-*portfolio* tal-kont tal-investiment tal-bilanċi tal-pagamenti u tal-pożizzjoni ta' l-investimenti internazzjonali, dettalji dwar it-transazzjonijiet trans-fruntieri jew il-posizzjonijiet taż-żona tal-euro jkunu kkompilati billi jsir użu mit-transazzjonijiet jew mill-posizzjonijiet kollha bejn ir-residenti taż-żona tal-euro u r-residenti ta' pajjiżi oħrajn. Aktar minn hekk, meqjusa d-diffikkultajiet inerenti fl-identifikazzjoni korretta tal-*portfolio* tan-nixxigħat trans-fruntieri ta' l-investimenti u t-titoli u n-nixxigħat relatati tad-dħul, ir-resqien komuni għall-ġbir ta' din l-informazzjoni matul iż-żona tal-euro kienet ġiet żviluppata u għandha tkun implementata fis-snin li ġejjin. Sistemi ta' ġbir ta' *portfolio* ta' l-investimenti għandhom ikunu konformi man-normi komuni kif stabbiliti fl-Anness VI sa l-1 ta' Jannar 2005.

(7) Ir-raportaġġ ta' l-informazzjoni dwar transazzjonijiet u l-posizzjonijiet fl-assi u/jew ir-responsabbilitajiet tar-residenti taż-żona tal-euro vis-à-vis residenti tal-Istati Membri l-oħrajn apparti milli taż-żona tal-euro huwa meħtieġ biex jitwettqu l-ħtiġiet tal-istatistika tal-BĊE fil-qasam tal-*portfolio* tal-investimenti (u d-dħul relatat). Id-dettalji huma wżati għall-kompilazzjoni tat-transazzjonijiet aggregati taż-żona tal-euro u l-posizzjonijiet fil-*portfolio* ta' l-investimenti fir-rigward tar-responsabbilitajiet u d-debiti fid-dħul tal-*portfolio* ta' l-investimenti. Dan huwa bi qbil mal-ħtiġiet nazzjonali jew prattiċi stabbiliti.

(8) Id-*Database* tat-Titoli Ċentrali zzati (DBTĊ), li fil-futur għandha tkun użata għal ħafna statistika differenti (il-kompilazzjoni u l-produzzjoni) u għal skopijiet mhux-tal-istatistika (l-analiżi ekonomika, stabbilt'finanzjarja jew operazzjonali), għandha tkun disponibbli għall-BĊN. Il-kontenut tad-dettalji għandu jsir disponibbli għall-awtotitajiet kompetenti apparti milli l-BĊN, suġġett għal xi limitazzjonijiet legali. Dan għandu, notevolment, jgħin il-produzzjoni minnhom tad-dettalji meħtieġa għall-kompilazzjoni tat-transazzjonijiet taż-żona tal-euro u l-posizzjonijiet statistiċi li jikkonċernaw il-*portfolio* ta' l-intestimenti. Partikolarment, għandu jkun possibbli li b'eżattezza jkun irrekordjat it-tqassim settorjali tat-transazzjonijiet u l-posizzjonijiet fir-responsabilitajiet tal-*portfolio* ta' l-investimenti fil-bilanċi tal-pagamenti taż-żona tal-euro u l-pożizzjoni internazzjonali ta' l-investimenti meta s-sistema CSDB tkun operazzjonali.

(9) Il-kwalità tal-qafas ta' l-assessjar għall-bilanċi tal-pagamenti taż-żona tal-euro u l-istatistica tal-pożizzjoni internazzjonali ta' l-investimenti u tal-mudell tal-forma tar-riservi internazzjonali għandha tkun definita, kemm jista jkun possibbli, bi qbil mal "*Data Quality Assessment Framework*" żviluppata mill-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF/IMF). IL-BĊN, b'kooperazzjoni ma l-awtoritajiet kompetenti apparti milli l-BĊN, meta xieraq, għandhom jassessjaw il-kwalità tad-dettalji li huma jikkontribwixxu. Il-kriterja għall-assessjar tal-kwalità ta' l-informazzjoni tinkludi l-prontezza, l-eżattezza, il-konsistenza interna u esterna u l-affiddibilità (għal issa limitata biss għal "stabbilità", jiġifieri, ir-reviżjonijiet meħtieġa ikollhom impatt limitat).

(10) It-trasmissjoni mill-BĊN lejn il-BĊE ta' l-informazzjoni tal-istatistika konfidenzjali isseħħ sal-limitu u fid-dettall meħtieġ għall-eżerċitar tad-doveri tal-SEBĊ. Meta l-awtoritajiet kompetenti apparti milli l-BĊN huma s-sorsi ta' l-informazzjoni tal-istatistika immarkati bħala konfidenzjali, l-użu ta' l-informazzjoni bħal din mill-BĊE għandha tkun limitata għall-eżerċitar tad-doveri tal-istatisika relatati mal-SEBĊ.

(11) Huwa meħtieġ li tkun stabbilita proċedura biex jitwettqu l-emendi tekniċi għall-annessi ta' din il-Linja ta' Gwida f'manjera effettiva, basta li emendi bħal dawn la jkunu jibdlu l-qafas konċettwali li jkun il-bażi u l-anqas ma jaffettwaw ir-responsabbilità tar-raportaġġ ta' l-aġenti li jgħamlu r-rapporti fl-Istati Membri. Akkont għandu jittieħed tal-veduti tal-Kumitat tal-Istatistika tal-SEBĊ meta tkun segwita din il-proċedura. Il-BĊN jistgħu jipproponu emendi tekniċi bħal dawn għall-annessi ta' din il-Linja ta' Gwida permezz tal-Kumitat tal-Istatistika.

(12) Bi qbil ma l-Artikolu 12.1 u l-Artikolu 14.3 tal-Istatut, il-linji ta' gwida tal-BĊE jiffurmaw parti integrali mil-liġi tal-Komunità,

ADOTTA DIN IL-LINJA TA' GWIDA:

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-iskopijiet ta' din il-Linja ta' Gwida:

— "Stat Membru parteċipanti" għandha tfisser Stat Membru li jkun adotta l-munita waħdanija bi qbil mat-Trattat,

— it-terminu "residenti" għandu jkollhom l-istess tifsira kif definita fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98,

— "iż-żona tal-euro" għandha tfisser it-territorju ekonomiku tal-Istati Membri parteċipanti, u tal-BĊE. Territorji li jappartjeni għal, jew pajjiżi assoċċjati ma, l-Istati Membri taż-żona tal-euro, huma mogħtija fl-Anness III, it-Tabella 5,

— "l-Euro-sistema" għandha tfisser il-BĊN tal-Istati Membri parteċipanti, u tal-BĊE,

— "transazzjoni trans-fruntiera" għandha tfisser kwalunkwe transazzjoni li toħloq jew li tifdi, fis-sħiħ jew parzjalment, talbiet jew dejn, jew kwalunkwe transazzjoni li timplika t-trasferiment ta' dritt fuq xi oġġett bejn ir-residenti taż-żona tal-euro u r-residenti taż-żona mhux tal-euro.

"Posizzjonijiet trans-fruntieri" għandha tfisser it-titoli ta' talbiet finanzjarji fuq, u r-responsabbilitajiet finanzjarji lejn residenti mhux taż-żona tal-euro. Posizzjonijiet trans-fruntieri għandhom ukoll iħaddnu (i) art, apparti milli assi mhux-tanġibbli li ma jkunux prodotti u assi mhux-mobbli oħrajn lokalizzati il-barra miż-żona tal-euro u li huma l-propjetà ta' residenti taż-żona tal-euro u/jew lokalizzati fiż-żona tal-euro u li huma l-propjetà ta' residenti mhux taż-żona tal-euro; u (ii) deheb monetarju u drittijiet speċjali ta' ġbid (SDR/DSĠ) li huma l-propjetà ta' residenti taż-żona tal-euro.

Madankollu, sal-limitu meħtieġ biex ikun imħejji l-*portfolio* tal-kont ta' l-investimenti u l-*portfolio* tal-kont tad-dħul ta' l-investimenti fi ħdan l-istatistika tal-bilanċi tal-pagamenti, u l-portfolio tal-kont ta' l-investimenti fi ħdan il-pożizzjoni tal-istatistika ta' l-investimenti internazzjonali, li jkopri ż-żona tal-euro, it-termini "posizzjonijiet trans-fruntieri" u "transazzjonijiet trans-fruntieri" tinkludi wkoll il-posizzjonijiet u t-transazzjonijiet fl-assi u/jew ir-responsabbilitajiet ta' residenti taż-żona tal-euro vis-à-vis ir-residenti ta' l-Istati Membri apparti milli taż-żona tal-euro,

— "asi ta' riserva" għandha tfisser talbiet ferm likwidi, negozjabbli u li għandhom valur ta' kreditu miżmuma mill-Euro-sistema fuq residenti mhux taż-żona tal-euro u ddenominati fil-muniti apparti milli fl-euro, flimkien mad-deheb, posizzjonijiet ta' riserva fil-propjetajiet ta' IMF u l-*SDR*.

— "assi oħrajn tal-munita barrannija" għandha tfisser (i) talbiet miżmuma mill-Euro-sistema fuq residenti taż-żona tal-euro li jkunu denominati fil-muniti apparti milli l-euro; u (ii) talbiet miżmuma mill-Euro-sistema fuq residenti mhux taż-żona tal-euro denominati fil-muniti apparti milli l-euro li ma jkunux jilħqu l-kriterja tal-likwidità, in-negozjabbilità u li għandhom valur ta' kreditu ta' l-assi ta' riserva,

— "responsabbilitajiet li huma relatati mar-riserva" għandhom ifissru tneħħija netta predeterminata u kontinġenti ta' terminu fil-qosor, simili għall-assi ta' riserva u assi oħrajn fil-munita estera tal-euro-sistema,

— "bilanċ tal-pagamenti" għandu jfisser l-istqarrija tal-istatistika li r-rapporti, bi tqassim xieraq, tat-transazzjonijiet trans-fruntieri matul il-perijodu li jkun taħt reviżjoni,

— "mudell ta' forma tar-riservi internazzjonali" għandha tfisser l-istqarrija tal-istatistika li r-rapporti, bit-tqassim xieraq, titoli ta' l-assi tar-riserva, assi oħrajn tal-munita estera u r-responsabbiltajiet relatati ma l-assi tal-euro-sistema f'data ta' referenza,

— "pożizzjoni ta' l-investiment internazzjonali" għandha tfisser il-*balance sheet* annwali li r-rapporti, bi tqassim xieraq, l-assi ta' titoli trans-fruntieri u r-responsabiltajiet f'data ta' referenza.

*Artikolu 2*

**Obligazzjonijiet tal-istatistika tal-BĊN**

1. Il-BĊN għandhom jagħmlu disponibbli lejn il-BĊE dettalji rigward it-transazzjonijiet trans-fruntieri, assi ta' titoli ta' riserva, assi oħrajn ta' munita estera, responsabiltajiet relatati mar-riservi u posizzjonijiet trans-fruntieri meħtieġa biex jiffaċilita lill-BĊE li tagħmel kumpilazzjoni tal-bilanċi aggregati tal-pagamenti u tal-pożizzjoni tal-istatistika ta' l-investimenti internazzjonali u tal-mudell tal-forma tar-riservi internazzjonali taż-żona tal-euro.

2. Id-dettalji għandhom ikunu akkumpanjati minn informazzjoni immedjetament disponibbli dwar l-avvenimenti uniċi maġġuri u dwar ir-raġunijiet għal reviżjonijiet, meta l-magnitudni tal-kambju tad-dettalji ikkaġunat minn dawn l-avvenimenti uniċi maġġuri u mir-reviżjonijiet tkun sinifikanti, jew fuq talba tal-BĊE.

3. Id-dettalji meħtieġa għandhom ikunu disponibbli lejn il-BĊE kif stabbilit fl-Annessi I, II u III, li huma konformi man-normi preżenti internazzjonali, notevolment il-ħames edizzjoni tal-Manwal tal-Bilanċ tal-Pagamenti tal-IMF. Id-dettalji meħtieġa dwar it-transazzjonijiet u l-posizzjonijiet li jikkonċernaw il-*portfolio* tar-responsabbiltajiet ta' l-investimenti, mqassma skond is-settur tal-ħruġ tar-resident fiż-żona tal-euro kif stabbilit fl-Anness I, is-Sezzjonijiet 1.1, 1.2 u 3 u l-Anness II, it-Tabelli 1, 2 u 4 għandhom isiru disponibbli sa mill-1 ta' Lulju 2005; jekk is-sistema CSDB ma tkunx operazzjonali sal-31 ta' Marzu 2004, il-limitu ta' żmien għandu jkun 15 il-xhar mid-data li fiha l-Kumitat tal-Istatistika jinforma lill-Kunsill Regolatorju li hija operazzjonali.

4. Id-dettalji meħtieġa dwar il-bilanċ tal-pagamenti għandha ssir disponibbli fuq il-bażi ta' kull xhar u ta' kull tlett xhur. Id-dettalji meħtieġa dwar il-mudell tal-forma tar-riservi internazzjonali għandha ssir disponibbli bħal fit-tmiem tax-xhar li għalih id-dettalji jkunu jirrelataw. Id-dettalji meħtieġa dwar il-pożizzjoni ta' l-investimenti internazzjonali għandha ssir disponibbli bħal fit-tmiem tax-xahar li għalih id-dettalji jkunu jirrelataw.

5. Sa mill-1 ta' Jannar 2005 il-*portfolio* tas-sistemi tal-ġbir ta' l-investimenti għandu jikkonferma ma mudell li huwa meqjus mill-anqas "aċċettabbli" skond it-tabella stabbilita fl-Anness VI. Jekk il-BĊN ma jkunux jistgħu jilħqu dan il-limitu ta' żmien huma għandhom jistabbilixxu, sat-tmiem ta' Ġunju 2003, b'kuntatt mal-BĊE, tabella ta' żmien biex ikunu konformi man-normi komuni.

*Artikolu 3*

**Azzjoni f'waqtha**

1. Dettalji dwar il-bilanċ tal-pagamenti ta' kull xhar taż-żona tal-euro għandhom ikunu disponibbli għall-BĊE sat-tmiem tan-negozju fit-30 jum tax-xogħol li jsegwi t-tmiem tax-xhar li dwaru d-dettalji jkunu jirrelataw.

2. Tqassim dettaljat ta' kull tlett xhur għall-bilanċ tal-pagamenti taż-żona tal-euro għandu jsir disponibbli lejn il-BĊE fi żmien tlett xhur tat-tmiem tat-tlett xhur li magħhom id-dettalji jkunu jirrelataw.

3. Id-dettalji meħtieġa dwar il-mudell tal-forma tar-riservi internazzjonali għandhom isiru disponibbli fi żmien ta' tlett ġimgħat mit-tmiem tax-xhar li għalih id-dettalji jkunu jirrelataw.

4. Id-dettalji dwar il-pożizzjoni ta' l-investiment internazzjonali għandhom isiru disponibbli lejn il-BĊE fi żmien ta' disa' xhur mit-tmiem tas-sena li għaliha id-dettalji jkunu jirrelataw.

5. Reviżjonijiet li jikkonċernaw il-bilanċ tal-pagamenti u tal-pożizzjoni ta' l-investimenti internazzjonali taż-żona tal-euro għandhom ikunu disponibbli lejn il-BĊE skond l-iskeda taż-żmien kif stabbilita fl-Anness IV.

6. Il-ġbir nazzjonali ta' dawn id-dettalji għandhom ikunu organizzati bil-għan li jintlaħqu dawn il-limiti ta' żmien.

*Artikolu 4*

**Kooperazzjoni mall-awtoritajiet kompetenti minbarra l-BĊN**

1. Meta s-sorsi ta' parti minn jew tad-dettalji kollha deskritti fl-Artikolu 2 huma l-awtoritajiet kompetenti apparti milli il-BĊN, il-BĊN għandhom jistabbilixxu l-modalitajiet xierqa ta' kooperazzjoni ma dawn l-awtoritajiet sabiex jassiguraw struttura permanenti għat-trasmissjoni tad-dettalji li jkunu jwettqu n-normi tal-BĊE, partikolarment dwar il-kwalità tad-dettalji, u uħud mill-ħtiġiet tagħhom kif stabbiliti f'din il-Linja ta' Gwida, sakemm l-istess riżultat ma jkunx diġa ġie akwistat mil-leġislazzjoni nazzjonali.

2. Għall-kont finali tal-bilanċ tal-pagamenti, id-dħul relatat, u l-pożizzjoni ta' l-investimenti relatati, il-BĊE għandu jkunu responsabbli biex jassigura li l-kunċetti, il-metodoloġija u l-ġbir tad-dettalji, il-kompilazzjoni, l-analiżi u t-trasmissjoni f'dawk iż-żoni tkun matunetuta u żviluppata.

3. Meta l-awtoritajiet kompetenti apparti milli l-BĊN huma s-sorsi ta' l-informazzjoni tal-istatistika li tkun immarkata bħala konfidenzjali, informazzjoni bħal din għandha tkun użata mill-BĊE esklussivament għall-eżerċitar tad-doveri tal-istatistika relatati mal-SEBĊ, sakemm l-aġent li jirraporta jew xi persuna legali jew naturali oħra, entit' jew fergħa li tkun ipprovdiet l-informazzjoni, tassumi li hi tkun tista tiġi identifikata, tkun espliċitament tat il-kunsens tagħha għall-użu ta' l-informazzjoni bħal dik għal skopijiet oħrajn.

*Artikolu 5*

**Normi tat-trasmissjoni**

L-informazzjoni tal-istatistika meħtieġa għandha tkun disponibbli għal-BĊE fil-għamla li tilħaq il-ħtiġiet stabbiliti fl-Anness IV.

*Artikolu 6*

**Kwalità ta' l-informazzjoni tal-istatistika**

1. Mingħajr preġudizju għad-doveri tal-monitoraġġ tal-BĊE kif stabbiliti fl-Anness V, il-BĊN għandhom, b'kooperazzjoni ma l-awtoritajiet kompetenti apparti milli l-BĊN kif imsemmija fl-Artikolu 4, meta relevanti, jassiguraw li l-monitoraġġ u l-assessjar tal-kwalità ta' l-informazzjoni tal-istatistika li tkun disponibbli għal-BĊE. Il-BĊE tassessja f'manjera simili id-dettalji li jirrigwardjaw il-bilanċ tal-pagamenti taż-żona ta' l-eur, l-istatistika tal-pożizzjoni ta' l-investimenti internazzjonali u tar-riservi internazzjonali. L-assessjar għandu jkun imwettaq f'manjera f'waqta. Il-Board Eżekuttiv tal-BĊE għandu jirraporta ta' kull sena lejn il-Kunsill Regolatorju dwar il-kwalità tad-dettalji.

2. Il-monitoraġġ mill-BĊE tal-kwalità ta' l-informazzjoni tal-istatistika jista jinkludi skrutinju tar-reviżjonijiet magħmula għal dawk id-dettalji: l-ewwel, biex jinkludu l-assessjar l-aktar riċenti dwar l-informazzjoni tal-istatistika, b'hekk tittejjeb il-kwalità; it-tieni, biex jassigura sa kemm ikun possibbli konsistenza bejn il-bilanċ tal-pagamenti tal-punti korrespondenti għal kull frekwenza differenti.

*Artikolu 7*

**Proċedura simplifikata għall-emendi**

Billi jittieħed akkont tal-veduti tal-Kumitat tal-Istatistika, il-Board Eżekuttiv tal-BĊE għandu jkun intitolat li jagħmel emendi tekniċi għall-Annesi ta' din il-Linja ta' Gwida, basta li emendi bħal dawn la jibdlu l-bażi konċettwali tal-qafas u l-anqas ma jaffettwaw id-dover tar-rapurtaġġ ta' l-aġenti li jirrapurtaw fl-Istati Membri.

*Artikolu 8*

**Tħassir**

Il-Linja ta' Gwida BĊE/2000/4 hija hawnhekk imħassra.

*Artikolu 9*

**Dispożizzjonijiet finali**

1. Din il-Linja ta' Gwida hija ndirizzata lill-BĊN tal-Istati Membri parteċipanti.

2. Din il-Linja ta' Gwida għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2003.

3. Din il-Linja ta' Gwida għandha tkun ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fit-2 ta' Mejju 2003.

*Għan-nom tal-Kunsill Regolatorju tal-BĊE*

Willem F. DUISENBERG

*ANNESS I*

## REKWIŻITI STATISTIĊI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

### 1. Statistiċi tal-bilanċ tal-pagamenti

Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jirrikjedi statistiċi tal-bilanċ tal-pagamenti darbtejn (f'żewġ frekwenzi): ta' kull xahar u ta' kull kwart tas-sena rigward il-perjodi kalendarji ta' referenza korrispondenti. Data annwali jkunu kkompilati billi jingħaddu flimkien id-data ta' kull kwart tas-sena rrapportati mill-Istati Membri għas-sena korrispondenti. Sa fejn hu possibbli, l-istatistiċi tal-bilanċ tal-pagamenti għandu jkun konsistenti ma' statistiċi oħra pprovduti għall-kondotta (tmexxija) tal-politika monetarja.

### 1.1. *Statistiċi ta' bilanċ tal-pagamenti ta' kull xahar*

Għan

L-għan tal-bilanċ tal-pagamenti ta' kull xahar taż-żona ta' l-euro huwa li juri l-punti prinċipali li jaffettwaw il-kondizzjonijiet monetarji u s-swieq tal-kambju (ara l-Anness II, it-Tabella 1).

Rekwiżiti

Huwa essenzali li d-*data* jkunu adatti għall-użu fil-kalkulazzjoni tal-bilanċ tal-pagamenti taż-żona ta' l-euro.

Minħabba l-iskadenza qasira għall-provvediment tad-data tal-bilanċ tal-pagamenti ta' kull xahar, in-natura aggregata fi grad għoli tagħhom u l-użu tagħhom għal għanijiet ta' politika monetarja u operazzjonijiet ta' kambju internazzjonali, il-BĊE jippermetti partenza mill-istandards internazzjonali (ara l-Artikolu 2(3) ta' din il-Linja Gwida), fejn inevitabbli. Irreġistrar fuq bażi ta' akkumulazzjonijiet jew transazzjonijiet mhux rekwiżit. Bi qbil mal-BĊE, il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jistgħu jipprovdu *data* fuq il-kont kurrent u finanzjarju fuq bażi ta' ħlas (ftehim). Fejn meħtieġ biex tkun osservata l-iskadenza, il-BĊE għandu jaċċetta stimi u data preliminari.

Ir-rekwiżit għal kull waħda mill-kategoriji wiesa' ta' transazzjoni huwa attivi u passivi (jew kreddti u djun għal *items* ta' kont kurrent). B'mod ġenerali dan jirrikjedi li l-BĊNi, fir-rigward tat-transazzjonijiet esterni, jiddistingwu bejn transazzjonijiet ma' residenti ta' Stati Membri oħra fiż-żona euro u transazzjonijiet barra ż-żona euro. BĊNi jagħmlu dan f'manjiera konsistenti.

Meta s-sħubija taż-żona euro tinbidel, il-BĊNi huma rikjesti li jimplimentaw il-bidla fid-definizzjoni tal-komposizzjoni tal-pajjiżi taż-żona euro mid-data li fiha l-bidla tas-sħubija tkun attwata. L-aħjar stimi għal data storiċi li jkopru ż-żona euro mkabbra jintalbu mill-BĊNi taż-żona euro tal-komposizzjoni preċedenti u ta' l-Istat(i) Membru(i) parteċipant(i) ġdid(ġodda).

Biex tkun tista' ssir aggregazzjoni bis-sens tad-data konnessa maż-żona euro fuq bażi ta' kull xahar fiż-żona ta' investimenti f'portafoll, hija rikjesta distinzjoni bejn transazzjonijiet f'sigurtajiet maħruġa minn residenti fiż-żona euro u transazzjonijiet f'sigurtajiet maħruġa minn residenti mhux fiż-żona euro. L-istatistiċi dwar transazzjoniijiet netti f'attiv ta' investiment f'portafoll taż-żona euro huma kkompilati billi jkunu aggregati t-transazzjoniijiet netti f'sigurtajiet irrapportati maħruġa mir-residenti mhux fiż-żona. L-istatistiċi dwar transazzjoniijiet netti f'passiv ta' investiment f'portafoll taż-żona euro huma kkompilati bil-konsolidazzjoni ta' transazzjonijiet netti f'passiv nazzjonali totali u transazzjoniijiet netti f'sigurtajiet maħruġa u mixtrija minn residenti fiż-żona euro.

Rekwiżit ta' rrapportar analogu u metodu ta' kompilazzjoni għad-data aggregata huma applikati għal introjtu minn investiment f'portafoll.

Bil-ħsieb li tkun ikkompilata l-preżentazzjoni monetarja tal-bilanċ tal-pagamenti, il-BĊNi huma rikjesti jissottomettu d-data mqassma f'setturi istituzzjonali. Għall-bilanċ tal-pagamenti ta' kull xahar it-tqassim (breakdown) settorjali huwa li ġej:

— għal investiment dirett: (i) MFIs (esklużi banek ċentrali); u (ii) mhux-MFIs,

— għal attiv ta' investimen f'portafoll: (i) awtoritajiet monetarji; (ii) MFIs (esklużi banwk ċentrali); u (iii) mhux-MFIs,

— għal investiment iehor: (i) awtoritajiet monetarji; (ii) MFIs (esklużi banek ċentrali); (iii) il-gvern ġenerali; u (iv) setturi oħra.

Bil-hsieb li jkun ikkompilat tqassim settorjali tal-bilanċ tal-pagamenti, biex b'hekk tkun possibbli l-kostruzzjoni tal-preżentazzjoni monetarja, il-BĊNi għandhom ikunu rikjesti jipprovdu, mid-data preskritta fl-Artikolu 2(5) ta' din il-Linja Gwida, data dwar it-transazzjoniijiet netti f'sigurtajiet ta' investiment f'portafoll maħruġin minn residenti fiż-żona euro mqassmin bis-settur istituzzjonali li għalih l-*issuer* jappartieni. Barraminhekk, il-passiv ta' investiment f'portafoll għandu jinkludi tqassim f'settur istituzzjonali ta' l-*issuer* domestiku.

L-istatistiċi dwar transazzjoniijiet netti f'passiv ta' investiment f'portafoll taż-żona euro mqassmin skond is-settur huma mbagħad ikkompilati permezz ta' konsolidazzjoni tal-passiv nazzjonali totali nett tas-setturi rispettivi u r-transazzjonijiet netti f'sigurtajiet maħruġa u mixtrija minn residenti taż-żona euro.

1.2. *Statistiċi tal-bilanċ tal-pagamenti ta' kull kwart tas-sena*

Għan

L-għan tal-bilanċ tal-pagamenti ta' kull kwart tas-sena taż-żona euro huwa li jipprovdi informazzjoni iktar iddettaljata li tippermetti iktar analiżi ta' transazzjonijiet esterni. Dawn l-istatistiċi għandhom jikkontribwixxu notevolment lejn il-kontijiet finanzjarji fil-proċess ta' preparazzjoni u lejn il-pubblikazzjoni konġunta tal-bilanċ tal-pagamenti taż-żona UE/euro f'koperazzjoni mal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (Eurostat).

Rekwiżiti

Statistiċi tal-bilanċ tal-pagamenti ta' kull kwart tas-sena jikkonformaw kemm jista' jkun ma' *standards* internazzjonali (ara l-Artikolu 2(3) ta' din il-Linja Gwida). It-tqassim (breakdown) rekwiżit ta' l-istatistiċi tal-bilanċ tal-pagamenti ta' kull kwart tas-sena huwa ppreżentat fl-Anness II, it-Tabella 2. Kunċetti u definizzjonijiet armonizzati użati fil-kontijiet kapitali u finanzjarji jinġiebu fl-Anness III.

It-tqassim tal-kont kurrent ta' kull kwart tas-sena huwa simili għal dak rekwiżit għaċ-ċifri ta' kull xahar. Madankollu, għal introjtu tqassim iktar iddettaljat huwa meħtieġ fuq bażi ta' kull kwart tas-sena.

Fil-kont finanzjarju, il-BĊE japplika verżjoni ssimplifikata tar-rekwiżiti tal-ħames edizzjoni tal-Manwal tal-Bilanċ tal-Pagamenti (MBP5) tal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) għall-punt "investimenti oħra". Din is-simplifikazzjoni tinkludi t-tneħħija ta' distinzjoni bejn self u depożiti fuq kull naħa tal-karta tal-bilanċ u t-tneħħija tat-tqassim tal-maturita. Hemm ukoll bidla fil-preżentazzjoni tat-tqassim (i.e. settur bħala l-ewwel prijorita). Dan it-tqassim settorjali huwa kompatibbli imma mhux identiku mat-tqassim tal-MBP5 fejn strumenti għandhom prijorita.

BĊNi huma rikjesti jiddistingwu fl-istatisitiċi tal-bilanċ tal-pagamenti ta' kull kwart tas-sena bejn transazzjonijiet ma' Stati Membri parteċipanti u t-transazzjonijiet esterni l-oħra kollha. Għad-data ta' kull xahar, distinzjoni bejn transazzjonijiet f'sigurtajiet maħruġa minn residenti fiż-żona euro u sigurtajiet maħruġa minn residenti fiż-żona mhux-euro hija rekwiżita għal data ta' kull kwart tas-sena fiż-żoni ta' l-investimenti f'portafoll. L-istatistiċi dwar transazzjonijiet netti f'attiv ta' investiment f'portafoll taż-żona euro huma kkompilati billi jinġabru flimkien transazzjonijiet netti f'sigurtajiet irrapportati maħruġa minn residenti f'żona mhux-euro. Transazzjonijiet netti f'passiv ta' investiment f'portafoll fiż-żona euro huma kkompilati bil-konsolidazzjoni ta' transazzjonijiet netti fil-passiv nazzjonali totali u transazzjonijiet netti f'sigurtajiet maħruġa u mixtrija minn residenti fiż-żona euro.

Rekwiżit ta' rrapportar analogu u metodu ta' kompilazzjoni għad-data aggregata huma applikati għal introjtu minn investiment f'portafoll.

Għal investiment dirett BĊNi huwa rikjesti jissottomettu ta' kull kwart tas-sena tqassim settorjali ta' "MFIs (esklużi banek ċentrali)/mhux-MFIs". Għal "attiv f'investiment f'portafoll" u "investimenti oħra" it-tqassim (breakdown) ta' rapporti skond setturi istituzzjonali jsegwi il-komponenti *standard* tal-FMI li jikkomprendu (i) awtoritajiet monetarji; (ii) MFIs (esklużi banek ċentrali); (iii) il-gvern ġenerali; u (iv) setturi oħra.

Għall-ikkompilar ta' statistiċi dwar transazzjonijiet netti fiż-żona euro f'passiv ta' investiment f'portafoll skond is-settur ta' l-*issuers* residenti fiż-żona euro, ir-rekwiżiti tad-data ta' kull kwart tas-sena huma simili bħal dawk tal-bilanċ tal-pagamenti ta' kull xahar.

Għall-bilanċ tal-pagamenti taż-żona euro, data ta' introjtu minn investiment akkumulat huma rekwiżiti fuq bażi ta' kull kwart tas-sena. Skond is-Sistema ta' Kontijiet Nazzjonali, il-MBP5 jirrakommanda li l-imgħax għandu jkun irreġistrat fuq bażi ta' akkumulazzjonijiet. Dan ir-rekwiżit jaffettwa lill-kont kurrent kif ukoll il-kont finanzjarju.

2. **Template ta' riżervi internazzjonali**

Għan

L-għan tat-*template* ta' riżervi internazzjonali huwa rendikont ta' kull xahar ta' l-attiv tar-riżervi, attiv ieħor ta' munita barranija u passiv konness mar-riżervi miżmum mill-BĊNi u l-BĊE wara l-preżentazzjoni tat-*template* konġunta FMI/Bank għal Ħlasijiet Internazzjonali (BĦI) dwar "Il-Likwidita ta' Riżervi Internazzjonali u Munita Barranija". Din l-informazzjoni tikkompleta d-data dwar l-attiv ta' riżerva inkluż fil-bilanċ tal-pagamenti fiż-żona euro u l-istatistiċi dwar il-posizzjoni ta' l-investiment internazzjonali.

Rekwiżiti

L-attiv ta' riżerva fiż-żona euro huma klejms likwidi ħafna, negozjabbli u kredibbli miżmuma mill-BĊE (riżervi miġbura) u mill-BĊNi (riżervi mhux miġbura) fuq residenti fiż-żona mhux-euro u ddenominati f'munita barranija (i.e. f'muniti barra minn euro), deheb, posizzjonijiet ta' riżervi fil-*holdings* tal-FMI u SDR. Huma jistgħu jinkludu posizzjonijiet f'derivattivi finanzjarji. Attiv ta' riżerva huwa kkompilat fuq bażi ta' gross mingħajr kull għemil ta' nett tal-passiv konness mar-riżervi. It-tqassim tad-data rekwiżit mil-BĊNi huwa ppreżentat fl-Anness II, it-Tabella 3, it-Taqsima I.A.

Attiv iddenominat f'munita barranija ta' l-Eurosistema li ma jissodisfax din id-definizzjoni, jiġifieri (i) klejms fuq residenti residenti f'żona euro; u (ii) klejms fuq residenti f'żona mhux-euro li ma jissodisfax il-kriterja ta' likwidita, negozjabilita u kredibilita, huwa inkluż taħt il-punt "Attiv ieħor f'munita barranija" tat-*template* dwa riżervi internazzjonali (Anness II, it-Tabella 3, it-Taqsima I.B).

Klejms iddenominati f'euro fuq mhux residenti u bilanċi f'munita barranija miżmuma minn gvernijiet ta' Stati Membri parteċipanti mhumiex ikkunsidrati bħala attiv ta' riżerva; ammonti tali huma rreġistrati bħala "investimenti oħra" jekk jirrappreżentaw klejms fuq residenti f'żona mhux-euro.

Barramindan, informazzjoni dwar *drains* netti ta' terminu qasir predeterminati u kontinġenti fuq l-Eurosistema konnessi ma' attiv ta' riżerva u attiv ta' munita barranija ieħor ta' l-Eurosistema, l-hekk imsejjaħ "passiv konness ma' riżerva", għandha tkun irrapportata taħt l-Anness II, it-Tabella 3, it-Taqsimiet II sa IV.

## 3. Statistiċi dwar il-posizzjoni ta' investiment internazzjonali

Għan

L-għan tal-posizzjoni ta' investiment internazzjonali huwa rendikont annwali ta' l-attiv u l-passiv estern taż-żona-euro fit-totalita tagħha, għal analiżi tal-politika monetarja u s-suq tal-kambju. Din l-informazzjoni statistika tista' wkoll tassisti fil-kompilazzjoni tal-flussi tal-bilanċ tal-pagamenti.

Rekwiżiti

Il-BĊE jirrikjedi statistiċi tal-posizzjoni ta' investiment internazzjonali fir-rigward ta' livelli ta' ħażna fi tmiem is-sena kalendarja.

Id-data tal-posizzjoni ta' investiment internazzjonali tikkonforma kemm jista' jkun ma' *standards* internazzjonali (ara l-Artikolu 2(3) ta' din il-Linja Gwida). Il-BĊE jikkompila l-posizzjoni ta' investiment internazzjonali għaż-żona euro fit-totalita tagħha. It-tqassim tal-posizzjoni ta' investiment internazzjonali għaż-żona euro huwa preżentat fl-Anness II, it-Tabella 4.

Il-BĊE jista' jirrikjedi fuq bażi ta' kull kwart tas-sena punti ta' importanza partikolari għall-kondotta tal-politika monetarja, b'mod speċifiku dawk il-punti fil-kont "investimenti oħra" li kurrentement huma pprovduti lill-BĦI għall-istatistiċi tiegħu dwar xogħol bankarju internazzjonali.

Il-posizzjoni ta' investiment internazzjonali turi ħażniet finanzjarji fi tmien il-perjodu ta' referenza, ivvalutati fi prezzijiet tat-tmiem il-perjodu. Bidliet fil-valur ta' ħażniet jista' jkun dovut għall-fatturi li ġejjin. L-ewwel, parti mill-bidla tal-valur matul il-perjodu ta' referenza tkun dovuta għat-transazzjonijiet finanzjarji li jkunu saru u kienu rreġistrati fil-bilanċ tal-pagamenti. It-tieni, parti mill-bidliet fil-posizzjonijiet fil-bidu u fit-tmiem ta' perjodu speċifiku tkun ikkaġunata b'bidliet fil-prezzijiet ta' l-attiv u l-passiv finanzjarju muri. It-tielet, fil-każ li ħażniet ikunu ddenominati f'muniti minbarra l-unita tal-kont użata għall-posizzjoni ta' investiment internazzjonali, bidliet fir-rati tal-kambju vis-a-vis muniti oħra taffettwa wkoll il-valuri. Fl-aħħar, kull bidla oħra li mhix dovuta għall-fatturi ta' hawn iktar 'il fuq għandha tkun ikkunsidrata bħala dovuta għal "aġġustamenti oħra".

Rikonċilazzjoni kif għandha tkun bejn il-flussi finanzjarji u ħażniet taż-żona euro tirrikjedi bidliet fil-valur minħabba li prezz, bidliet fir-rata tal-kambju u aġġustamenti oħra għandhom ikunu distinti.

Kopertura tal-posizzjoni ta' investiment internazzjonali għandha tkun kemm jista' jkun possibbli qrib dik għall-flussi ta' bilanċ tal-pagamenti ta' kull kwart tas-sena. Il-konċetti, definizzjonijiet u tqassim jaqblu ma' dawk użati għall-flussi ta' bilanċ tal-pagamenti ta' kull kwart tas-sena. Sa kemm hu possibbli, id-data dwar il-awtoritajiet monetarji għandhom ikunu konsistenti ma' statistiċi oħra, bħal statistiċi ta' flus u xogħol tal-banek, kontijiet finanzjarji u kontijiet nazzjonali.

Rigward il-bilanċ tal-pagamenti ta' kull xahar u ta' kull kwart tas-sena, BĊNi huma rikjesti jiddistingwu fl-istatistiċi tal-awtoritajiet monetarji tagħhom bejn *holdings* vis-a-vis Stati Membri parteċipanti u l-posizzjonijiet esterni l-oħra kollha. Distinzjoni bejn *holdings* f'sigurtajiet maħruġa minn residenti fiż-żona euro u f'sigurtajiet maħruġa minn residenti fiż-żona mhux-euro hija rekwiżita fil-kontijiet ta' investimenti f'portafoll. L-istatistiċi dwar attiv nett f'investiment f'portafoll taż-żona euro huma kkompilati billi jkun aggregat l-attiv nett irrapportat f'sigurtajiet maħruġa minn residenti fiż-żona mhux-euro. L-istatistiċi dwar passiv nett f'investiment f'portafoll taż-żona euro huma kkompilati bil-konsolidazzjoni tal-passiv nett nazzjonali totali u *holdings* netti f'sigurtajiet maħruġa u mixtrija minn residenti fiż-żona euro.

BĊNi huma rekwiżiti jissottomettu *holdings* annwali skond l-tqassim settorjali għal “investiment dirett”, “attiv ta’ investiment f’portafoll” u “investiment ieħor” bħal għal flussi ta’ bilanċ tal-pagamenti ta’ kull kwart tas-sena.

Għall-ikkompilar mill-BĊE ta’ tqassim settorjali tal-passiv nett f’investiment f’portafoll fiż-żona euro, ir-rekwiżiti imposti mill-BĊNi rigward id-data dwar il-posizzjoni ta’ l-investiment internazzjonali huma l-istess bħal għall-flussi tal-bilanċ tal-pagamenti, suġġetti għad-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 2(5) ta’ din il-Linja Gwida.

Attiv u passiv f’investiment f’portafoll fil-posizzjoni ta’ investiment internazzjonali huma kkompilati purament minn data dwar *stock*.

*ANNESS II*

## TQASSIM REKWIŻIT

*Tabella 1*

### Punti ta' kull xahar għall-bilanċ tal-pagamenti fiż-żona euro

| | Kreditu | Debitu | Nett |
|---|---|---|---|
| I. **Kont kurrent** | | | |
| *Merkanzija* | extra | extra | extra |
| *Servizzi* | extra | extra | extra |
| *Introjtu* | | | |
| Kumpens għal introjtu minn Investiment ta' l-impjegati | extra | extra | extra |
| — investiment dirett | extra | extra | extra |
| — investment f'portafoll | extra | | nazzjonali |
| — investimenti oħra | extra | extra | extra |
| *Trasferimenti kurrenti* | extra | extra | extra |
| II. **Kont kapitali** | extra | extra | extra |
| | Attiv nett | Passiv nett | Nett |
| III. **Kont finanzjarju** | | | |
| *Investiment dirett* | | | extra |
| Barra l-pajjiż | | | extra |
| — Ekwita | | | extra |
| (i) MFIs (esklużi banek ċentrali) | | | extra |
| (ii) Mhux-MFIs | | | extra |
| — Qligħ reinvestit | | | extra |
| (i) MFIs (esklużi banek ċentrali) | | | extra |
| (ii) Mhux-MFIs | | | extra |
| — Kapital ieħor | | | extra |
| (i) MFIs (esklużi banek ċentrali) | | | extra |
| (ii) Mhux-MFIs | | | extra |
| Fl-ekonomija li tkun tirrapporta | | | extra |
| — Ekwita | | | extra |
| (i) MFIs (esklużi banek ċentrali) | | | extra |
| (ii) Mhux-MFIs | | | extra |
| — Qligħ reinvestit | | | extra |
| (i) MFIs (esklużi banek ċentrali) | | | extra |
Il-prinċipji ta' "trasferiment tal-pussess (proprjeta)", "żmien tal-ħlas" u "ħin tal-pagament" kollha jikkonformaw ma' l-*istandards* tal-FMI.

Ipparagunata mal-komponenti *standard* tal-MBP5, il-preżentazzjoni tal-kategorija "investimenti oħra" tal-bilanċ tal-pagamenti taż-żona euro hija ssimplifikata billi titħalla barra d-distinzjoni bejn self u depożiti fuq kull naħa tal-karta tal-bilanċ u l-ommissjoni tat-tqassim tal-maturita għal statistiċi tal-bilanċ tal-pagamenti ta' kull kwart tas-sena. Hemm ukoll bidla fil-preżentazzjoni tat-tqassim (i.e. is-settur bħala l-ewwel prijorita). Dan it-tqassim settorjali huwa kompatibbli imma mhux identiku mat-tqassim (breakdown) tal-MBP5 fejn l-istrumenti għandhom prijorita. Għad-data tal-bilanċ tal-pagamenti ta' kull xahar, hija rekwiżita distinzjoni bejn flussi ta' terminu fil-qosor u ta' terminu fit-tul tas-settur ta' l-IFM.

1.7. *Attiv ta' riżerva (ara wkoll Il-Ktieb tal-BtP it-Taqsima 3.11)*

L-attiv ta' riżerva taż-żona euro jikkonsisti mill-attiv ta' riżerva ta' l-Ewrosistema, i.e. l-attiv tal-BĊE u tal-BĊNi.

Attiv ta' riżerva għandu (i) jkun taħt il-kontroll effettiv ta' l-awtoritajiet monetarji relevanti ta' l-Ewrosistema jew ta' BĊN; u (ii) jkun klejms jikwidi, kummerċjabbli u kredibbli ħafna miżmuma mill-Ewrosistema fuq residenti f'żona mhux euro ddenominat f'muniti minbarra mill-posizzjonijiet ta' riżerva euro, deheb fil-FMI jew *speċial drawing rights* (SDRs).

Din id-definizzjoni teskludi espressament klejms f'munita barranija fuq residenti taż-żona euro, u klejms euro fuq non-residenti taż-żona euro, milli jkunu kkunsidrati li jkunu attiv ta' riżerva jew f'livell nazzjonali jew f'dak taż-żona euro. Bl-istess mod, posizzjonijiet ta' kambju esteru ta' gvernijiet ċentrali u/jew it-Teżor mhumiex inklużi fid-definizzjoni ta' attiv ta' riżerva għaż-żona euro skond l-arranġamenti istituzzjonali fit-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea.

Attiv ta' riżerva tas-SEBĊ huwa dak l-attiv li jinġabar flimkien skond l-Artikolu 30 ta' l-Istatut tas-SEBĊ u hekk ikun ikkunsidrat li jkun taħt il-kontroll dirett u effettiv tal-BĊE. Sakemm ma jisr ebda trasferiment ta' proprjetà ieħor, l-attiv ta' riżerva miżmum mill-BĊNi jkun taħt il-kontroll dirett u effettiv tagħhom u jkun ittrattat bħala attiv ta' riżerva ta' kull BĊN individwali.

Il-preżentazzjoni tat-transazzjonijiet tar-riżervi internazzjonali ta' l-Ewrosistema turi ċifra totali għal transazzjonijiet ta' kull xahar. Id-dettalji addizzjonali tat-transazzjonijiet ta' l-Ewrosistema f'deheb, kambju esteru, *holdings* ta' SDRs u posizzjoni ta' riżerva fil-FMI huma disponibbli ta' kull kwart tas-sena bl-insegwiment tal-komponenti standard tal-MBP5. Kategorija separata għal derivattivi finanzjarji hija ppreżentata, fi qbil mar-rakkomandazzjoni reċenti tal-FMI f'dan il-qasam.

Ir-riżervi ta' l-Ewrosistema huma kkompilati fuq bażi gross mingħajr kull *netting-off* ta' passiv konness mar-riżerva (bl-eċċezzjoni ta' dak l-attiv inkluż fis-sub-kategorija "derivattivi finanzjarji", li huwa rreġistrat fuq bażi nett).

Il-valutazzjoni tkun bbażata fuq prezzijiet tas-suq billi jintużaw (i) għal transazzjonijiet, il-prezzijiet tas-suq prevalenti dak ż-żmien meta ssir it-transazzjoni; u (ii) għal *holdings*, il-prezzijiet ta' l-għeluq tal-*mid-market* fi tmiem il-perjodu xieraq. Ir-rati ta' skambju tas-suq prevalenti fil-ħin meta ssir it-transazzjoni u l-prezzijiet ta' l-għeluq tas-suq tal-*mid-market* fi tmien il-perjodu xieraq jkunu użati rispettivament għall-konversjoni ta' transazzjonijiet u *holdings* ta' attiv iddenominat f'munita barranija f'euro.

Introjtu minn attiv ta' riżerva għandu b'mod indistingwibbli jkun irreġistrat taħt il-punt "investiment ieħor" tal-kont ta' l-introjtu minn investiment, inkluż introjtu minn imgħax fuq *holdings* ta' riżerva ta' sigurtajiet ta' dejn, u fuq bażi ta' akkumlazzjonijiet għall-inqas ta' kull kwart tas-sena.

L-opinjoni li *riżervi użabbli* jistgħu jkunu indikatur iktar importanti tal-kapaċità ta' pajjiż biex jissodisfa l-obbligi ta' skambju esteru tiegħu mir-riżervi gross kif muri fil-bilanċ tal-pagamenti u statistiċi tal-posizzjoni ta' investiment internazzjonali saret iktar mifruxa u ġiet adottata mill-Istandard Speċjali ta' Disseminazzjoni ta' Data tal-FMI. Biex ikunu kkalkolati r-riżervi użabbli, id-data dwar ir-riżervi gross jeħtieġ li jkunu kkomplimentati b'informazzjoni dwar attiv ieħor ta' munita barranija u *passiv konness ma' riżervi*. Għalhekk, data ta' kull xahar dwar attiv ta' riżerva ta' l-Ewrosistema għandhom ikunu kkomplimentati b'informazzjoni dwar attiv ta' munita barranija oħra u *drains* netti għal terminu qasir predeterminat u kontinġenti fuq l-attiv ta' riżerva gross ikklasifikat skond il-maturita residwa. Barramindan, distinzjoni ta' munita bejn l-attiv ta' riżerva gross iddenominat f'muniti ta' l-SDR (fit-total) u muniti oħra (fit-total) *with a quarter's lag* hija wkoll rekiwiżita.

Dwar punti speċifiċi, *holdings* ta' deheb monetarju għandhom jibqgħu mhux mibdula fit-transazzjonijiet ta' deheb kollha riversibbli (bdil (tpartit) ta' deheb, *repos*, slef u depożiti). Transazzjonijiet *repo* f'sigurtajiet iddenominati f'munita barranija jirriżultaw f'żidied fl-ammont totali ta' l-attiv ta' riżerva tal-BĊN li jissellef flus kontanti minħabba l-fatt li s-sigurtajiet *repoed* jibqgħu fil-karta ta' bilanċ; fil-każ ta' *repos* riversi, l-awtorija monetarja li tislef flus kontanti ma tirreġistrax (xi) varjazzjoni monetarja fl-ammont totali ta' l-attiv ta' riżerva jekk il-kontroparti non-residenti tkun awtorita monetarja jew istituzzjoni finanzjarja oħra, minħabba l-fatt li l-klejm fuq min jissellef il-flus kontanti mbagħad ikun ikkunsidrat bħala attiv ta' riżerva.

*Tabella 5*

**Territorji li jappartienu lil, jew pajjiżi assoċjati ma', l-Istati Membri taż-żona euro**

**Territorji li jifformaw parti miż-żona euro**

— Helgoland: il-Ġermanja,

— Il-Gżejjer Baleari, il-Gżejjer Kanarji, Ceuta u Melilla: Spanja,

— Monako, Dipartimenti Barranin Franċiżi(il-Gujana, il-Guadeloupe, Martinique u Reunion), Saint Pierre u Miquelon, Mayotte: Franza,

— Madeira, il-Gżejjer Azores: Portugall,

— Il-Gżejjer Åland: Il-Finlandja.

**Territorji assoċjati ma' l-Istati Membri taż-żona euro li għandhom ikunu inklużi fil-bqija tad-dinja(BtD):**

— Büsingen (mhux il-Ġermanja),

— L-Andorra (la Spanja lanqas Franza),

— L-Antilles Olandiżi u Aruba (mhux l-Olanda),

— Territorji Barranin Franċiżi (Polineżja Franċiżi, New Caledonia u l-Gżejjer Wallis u Futuna) (mhux Franza),

— San Marino u l-Belt tal-Vatikan (mhux l-Italja).

2. **Metodi ta' implimentazzjoni għal allokazzjoni ġeografika**

Diffikultajiet fil-kompilazzjoni ta' statistiċi mqassmin (broken down) skond il-ġeografija tal-bilanċ tal-pagamenti u l-posizzjoni ta' investiment internazzjonali huma riżoluti permess ta' avviċinament pass pass. Dan l-avviċinament jinvolvi tliet passi lejn is-sodisfazzjoni tar-rekwiżiti ta' data, li huma progressivament ikta eżiġenti. Il-punti "investiment f'portafoll", "introjtu minn investiment f'portafoll" u "derivattivi finanzjarji" huma partikolarment importanti.

2.1. *Avviċinament ġenerali (li għandu jkun applikat għall-kontijiet kollha tal-bilanċ tal-pagamenti u l-posizzjoni ta' investiment internazzjonali - bl-eċċezzjonijiet elenkati hawn iktar 'l isfel)*

Pass 1:

Metodu ta' kompilazzjoni fil-livell taż-żona euro: addizzjoni tat-total ta' transazzjonijiet/posizzjonijiet netti nazzjonali.

Implimentati sa mill-1999 għall-posizzjonijiet ta' investiment internazzjonali.

Pass 2:

Metodu ta' kompilazzjoni fil-livell taż-żona: addizzjoni separata ta' transazzjonijiet/posizzjonijiet ma' non-residenti għal kreddti u debiti jew attiv nett u passiv nett (bilanċ tal-pagamenti)/attiv u passiv (posizzjoni ta' investiment internazzjonali).

Rekwiżiti ta' *data* fil-livell tal-BĊN: Identifikazzjoni separata ta' transazzjonijiet/posizzjonijiet bejn ir-residenti fiż-żona mhux euro.

Implementati sa minn Jannar 1999 għall-bilanċ tal-pagamenti.

Implementat bi since end-Settembru 2002 for international investment position.

Pass 3:

Metodu ta' kompilazzjoni fil-livell taż-żona euro u rekwiżiti ta' data fil-livell tal-BĊN: Simili bħall-Pass 2 bl-addizzjoni tat-tqassim skond il-ġeografiija (ara t-Tabella 6) għall-transazzjonijiet/posizzjonijiet fiż-żona mhux euro. Pass 3 huwa biss meħtieġ għall-bilanċ tal-pagamenti ta' kull kwart tas-sena u statisitiċi tal-bilanċ tal-pagamenti u l-posizzjoni ta' investiment internazzjonali.

Rekwiżiti ta' data fil-livell tal-BĊN: identifikazzjoni separata ta' transazzjonijiet/posizzjonijiet bejn residenti fiż-żona euro u residenti fil-pajjiżi fil-lista maqbula ta' pajjiżi/reġjuni kontropartijiet li qegħdin fit-Tabella 6.

Skadenza għall-implimentazzjoni tal-bilanċ tal-pagamenti ta' kull kwart tas-sena: tmiem-Ġunju 2004 – data li jirreferu għall-ewwel kwart ta' l-2003.

Skadenza (terminu perentorju) għall-implimentazzjoni tal-posizzjoni ta' investiment internazzjonali: tmiem-Settembru 2004 - data li jirreferu għat-tmiem-2002 u tmiem-2003.

2.2. *Kont ta' investiment f'portafoll*

Pass 1:

Metodu ta' kompilazzjoni fil-livell taż-żona euro: addizzjoni tat-transazzjonijiet/posizzjonijiet netti ta' investiment f'portafoll totali nazzjonali.

Implimentati sa mill-1999 għall-posizzjoni ta' investiment internazzjonali.

Pass 2:

Metodu ta' kompilazzjoni fil-livell taż-żona euro: addizzjoni tat-transazzjonijiet/posizzjonijiet netti f'sigurtajiet maħruġa minn residenti fiż-żona mhux euro għal attiv f'investiment f'portafoll. Konsolidazzjoni ta' transazzjonijiet/posizzjonijiet netti f'passiv totali nazzjonali u transazzjonijiet/posizzjonijiet f'sigurtajiet maħruġa u mixtrija minn residenti taż-żona euro għal passiv f'investiment f'portafoll.

Rekwiżiti ta' data fil-livell tal-BĊN: transazzjonijiet/posizzjonijiet f'attiv f'investiment f'portafoll imqassmin (broken down) fi transazzjonijiet/posizzjonijiet f'sigurtajiet fiż-żona euro maħruġa minn residenti fiż-żona euro u sigurtajiet oħra. Biex jinkiseb dan huwa meħtieġ li jkun identifikat l-*issuer* (debitur) tas-sigurta biex ikun stabbilit jekk l-*issuer* huwiex residenti fiż-żona euro jew non-residenti. Għat-transazzjonijiet/posizzjonijiet f'passiv f'investiment f'portafoll, huma rekwiżiti biss ċifri netti totali nazzjonali.

Posizzjonijiet f'investiment f'portafoll ġewwa l-posizzjoni ta' investiment internazzjonali għandhom ikunu kkompilati purament minn data ta' ħażna (stock) konnessi mal-*holdings* ta' ekwita fi tmiem is-sena u sigurtajiet ta' dejn f'terminu qasir u twil maħruġa minn residenti fiż-żona mhux euro, filwaqt li jittieħed vantaġġ mill-fatt li r-rekwiżiti tad-data stabbiliti mill-BĊE jkunu konsistenti b'mod komplet mal-parteċipazzjoni fl-Istima Kkordinata ta' Investiment f'Portafoll tal-FMI.

Implimentat sa minn Jannar 1999 għal transazzjonijiet f'investiment f'portafoll.

Impliementat sa minn tmiem Settembru 2002 għall-ħażniet (stocks) ta' investiment f'portafoll.

Pass 3:

Metodu ta' kompilazzjoni fil-livell taż-żona euro u rekwiżiti fil-livell tal-BĊN: Simili bħall-Pass 2 bl-addizzjoni ta' tqassim (breakdown) skond il-ġeografija (ara Tabella 6) għal transazzjonijiet/posizzjonijiet fiż-żona mhux euro fuq in-naħa tal-attiv. Ebda tqassim (breakdown) skond il-ġeografija għal transazzjonijiet/posizzjonijiet fiż-żona mhux euro mhu rekwiżit għan-naħa tal-passiv. Il-Pass 3 huwa biss meħtieġ għal statistiċi ta' kull kwart tas-sena dwar transazzjonijiet u statistiċi annwali dwar posizzjonijiet.

Rekwiżiti ta' data fil-livell tal-BĊN: Identifikazzjoni separata ta' attiv fi transazzjonijiet/posizzjonijiet ta' investiment f'portafoll bejn residenti fiż-żona euro u residenti ta' pajjiżi fil-lista maqbula ta' pajjiżi/reġjuni kontropartijiet li qegħdin fit-Tabella 6.

Skadenza (terminu perentorju) għall-implimentazzjoni għat-transazzjonijiet f'investiment f'portafoll ta' kull kwart tas-sena: tmiem Ġunju 2004 - data li jirreferu għall-ewwel kwart ta' l-2003.

Skadenza (terminu perentorju) għall-implimentazzjoni għall-posizzjonijiet f'investiment f'portafoll (in-naħa ta' l-attiv biss): tmiem Settembru 2004 - data li tirreferi għat-tmiem l-2002 u tmiem l-2003.

2.3. *Kont ta' introjtu minn investiment f'portafoll*

Pass 1:

Metodu ta' kompilazzjoni fil-livell taż-żona euro: addizzjoni ta' transazzjonijiet netti f'investiment totali nazzjonali.

Pass 2:

Metodu ta' kompilazzjoni fil-livell taż-żona euro: addizzjoni ta' transazzjonijiet ta' kredtu minn introjtu dderivati minn attiv f'investiment f'portafoll maħruġ minn non-residenti. Konsolidazzjoni ta' transazzjonijiet ta' debiti minn introjtu dderivati minn passiv nett total nazzjonali u transazzjonijiet ta' kreddtu dderivati minn sigurtajiet maħruġa minn residenti fiż-żona euro.

Rekwiżiti ta' data fil-livell tal-BĊN: Transazzjonijiet ta' kreddtu f'introjtu minn investiment f'portafoll imqassmin (broken down) fi transazzjonijiet dderivati minn sigurtajiet maħruġa minn residenti fiż-żona euro u minn sigurtajiet maħruġa minn residenti ta' pajjiżi oħra. Biex jinkiseb dan huwa meħtieġ li jkun identifikat l-*issuer* (debitur) tas-sigurta biex ikun stabbilit jekk l-*issuer* huwiex residenti fiż-żona euro jew mhux residenti. Għal transazzjonijiet ta' debiti dderivati minn passiv f'investiment f'portafoll, huma rekwiżiti biss ċifri totali nazzjonali.

Implimentati sa minn Jannar 2000.

Pass 3:

Metodu ta' kompilazzjoni fil-livell taż-żona euro u rekwiżiti ta' data fil-livell tal-BĊN: Simili għall-Pass 2 ma' l-addizzjoni ta' tqassim (breakdown) skond ġeografija fi transazzjonijiet ta' kreddtu fiż-żona mhux euro. Ebda tqassim (breakdown) skond il-ġeografija fi transazzjonijiet ta' introjtu fiż-żona mhux euro mhu rekwiżit għan-naħa tad-debitu. Il-Pass 3 huwa biss meħtieġ għal statistiċi tal-bilanċ tal-pagamenti ta' kull kwart tas-sena.

Rekwiżiti ta' data fil-livell tal-BĊN: identifikazzjoni separata ta' kreddti fit-transazzjonijiet ta' introjtu f'investiment f'portafoll bejn residenti fiż-żona euro u residenti ta' pajjiżi fil-lista maqbula ta' pajjiżi/reġjuni kontropartijiet tat-Tabella 6.

Skadenza (terminu perentorju) għal implimentazzjoni għal transazzjonijiet ta' introjtu f'investiment f'portafoll ta' kull kwart tas-sena: tmiem Ġunju 2004 – data li tirreferi għall-ewwel kwart ta' l-2003.

2.4. *Kontijiet ta' derivattivi finanzjarji*

*Transazzjonijiet*

Pass 1:

Ir-rekwiżiti għal transazzjonijiet f'derivattivi finanzjarji ma' kontropartijiet fiż-żona euro jikkomprendu biss preżentazzjoni ta' dan il-punt.

Metodu ta' kompilazzjoni fil-livell taż-żona euro: addizzjoni tat-transazzjonijiet netti totali nazzjonali f'derivattivi finanzjarji.

*Posizzjonijiet*

Pass 1:

Metodu ta' kompilazzjoni fil-livell taż-żona euro: addizzjonijiet ta' posizzjonijiet netti totali nazzjonali f'derivattivi finanzjarji.

Implimentati sa mill-1999.

Pass 2:

Metodu ta' kompilazzjoni fil-livell taż-żona euro: addizzjoni separata ta' posizzjonijiet netti f'derivattivi finanzjarji ma' non-residenti fuq in-naħa ta' l-attiv u l-passiv.

Rekwiżiti ta' data fil-livell tal-BĊN: identifikazzjoni separata ta' posizzjonijiet bejn residenti fiż-żona euro u posizzjonijiet ma' residenti fiż-żona mhux euro kif iddefinita bil-lokalita tas-suq fejn relevanti, jew il-kontropartijiet attwali għal derivattiv finanzjarji *over-the-counter*.

Implimentata fi tmiem Settembru 2002.

Pass 3:

Tqassim (breakdown) skond il-ġeografija ta' posizzjonijiet fiż-żona mhux euro f'derivattivi finanzjarji mhux rekwiżit.

*Tabella 6*

**Tqassim (breakdown) skond il-ġeografija tal-BĊE għal flussi tal-bilanċ tal-pagamenti ta' kull kwart tas-sena u data annwali tal-posizzjoni ta' investiment internazzjonali**

— Id-Danimarka
— L-Isvezja
— Ir-Renju Unit
— L-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea
— "Pajjiżi li se jaderixxu" (i.e. Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Lituwanja, Malta, il-Polonja, l-Islovakkja and l-Islovenja) (1)
— L-Isvizzera
— Il-Kanada
— L-Istati Uniti ta' l-Amerika
— Il-Ġappun
— Ċentri barra l-pajjiż (2)
— Organizzazzjonijiet internazzjonali (3) (4)
— Il-bqija tad-dinja (i.e. pajjiżi u organizzazzjonijiet barra ż-żona euro mhux imsemmija fil-lista) (5)

3. **Klassifika skond is-settur istituzzjonali fl-aggregati fiż-żona euro (Ara wakoll Il-Ktieb tal-BtP it-Taqsima 3.1.6)**

It-tqassim (breakdown) settorjali ta' l-aggregati fiż-żona euro jikkomprendi awtoritajiet monetarji, il-gvern ġenerali, IFMi u setturi oħra fiż-żona euro.

*Awtoritajiet monetarji*

Is-settur "awtoritajiet monetarji" ta' l-istatistiċi taż-żona euro jikkonsisti fl-Ewrosistema.

*Il-gvern ġenerali*

Is-settur "il-gvern ġenerali" ta' l-istatistiċi taż-żona euro huwa konsistenti mad-definizzjoni ta' dak is-settur fis-SNA 93 u ESA 95 u hekk jikkomprendi l-unitajiet li ġejjin:

— gvern ċentrali,
— Gvernijiet statali/reġjonali,
— gvern lokali,
— fondi ta' sigurta soċjali.

*IMFi esklużi awtoritajiet monetarji*

Dan is-settur "IMFi esklużi awtoritajiet monetarji" jikkoinċidi mas-settur ta' l-IMF għal statistiċi ta' flus u xogħol bankarju (esklużi awtoritajiet monetarji). Huwa jikkomprendi:

(i) istituzzjonijiet ta' kreddtu kif iddefiniti bil-liġi Komunitarja, i.e. impriżi li l-kummerċ tagħhom huwa li jirċievu depożiti u fondi ripagabbli oħra minn għand il-publiku (inklużi profitti li jiġu minn bejgħ ta' bonds tal-bank lill-pubbliku) u li jagħtu kreddtu għall-kontijiet tagħhom proprji; u

(1) Il-pajjiżi huma elenkati fil-parentesi biex tintwera biss il-komposizzjoni ta' dan il-grupp speċifiku, ebda tqassim (breakdown) skond dawn il-pajjiżi mhu rekwiżit.
(2) Biss għall-punti magħżula tal-kont finanzjarju tal-bilanċ tal-pagamenti, il-kontijiet ta' introjtu konnessi u l-posizzjoni ta' investiment internazzjonali. Ara t-Tabella 7.
(3) Biss għall-punti magħżula tall-kont finanzjarju, il-kontijiet ta' introjtu konnessi u l-posizzjoni ta' investiment internazzjonali. Ara t-Tabella 7.
(4) 'L Barra mill-Unjoni Ewropea. Ara t-Tabella 8. L-organizzazzjonijiet huma elenkati biss biex juru l-komposizzjoni ta' dan il-grupp speċifiku, ebda tqassim (breakdown) skond dawn l-organizzazzjonijiet mhu rekwiżit.
(5) Ikkalkolati bħala residwi (l-ammonti bejn it-total ta' kull titolu (intestatura) bilanċ tal-pagamenti/posizzjoni ta' investiment internazzjonali u l-ammonti li jikkorrispondu għall-kontropartijiet elenkati hawn iktar 'il fuq).

(ii) l-istituzzjonijiet finanzjarji residenti l-oħra kollha li l-kummerċ tagħhom huwa li jirċievu depożiti u/jew sostituzzjonijiet viċini għal depożiti minn entitajiet minbarra l-IMFi, u, għal kontijiet proprji tagħhom (għall-inqas f'termini ekonomiċi), li jagħtu kreddtu u/jew jagħmlu investimenti f'sigurtajiet.

*Setturi oħra*

Il-kategorija “setturi oħra” ta’ l-istatistiċi fiż-żona euro tikkomprendi varjeta ta’ unitajiet istituzzjonali, prinċipalment:

(i) istituzzjonijiet finanzjarji oħra mhux inklużi fid-definizzjoni ta’ l-IMF, bħal istituzzjonijiet ta’ investiment kollettiv mhux meqjusa li huma fondi ta’ flus fis-suq, istituzzjonijiet ta’ investiment f'beni immobbli, kummerċjanti f'sigurtajiet, istituzzjonijiet ta’ kreddtu għal ipoteka, korporazzjonijiet ta’ assigurazzjoni, fondi ta’ pensjoni u awżiljarji finanzjarji; u

(ii) istituzzjonijiet mhux finanzjarji, bħal impriżi mhux finanzjarji pubbliċi u privati, istituzzjonijiet mhux għall-qligħ li jservu lid-djar, u djar.

*Mhux IMFi*

Il-kategorija “setturi mhux IMFi” ta’ l-istatistiċi fiż-żona euro jikkomprendu s-setturi (i) “il-gvern ġenerali” u (ii) “setturi oħra”.

*Tabella 7*

**Lista ta’ ċentri barra l-pajjiż għat-tqassim (breakdown) skond il-ġeografija tal-BĊE għall-flussi tal-bilanċ tal-pagamenti ta’ kull kwart tas-sena u data annwali ta’ posizzjoni ta’ investiment internazzjonali**

| Kodiċijiet ISO | Ċentri finanzjarji Barra l-Pajjiż ta’ l-Eurostat + OKEŻ |
|---|---|
| AD | L-Andorra |
| AG | Antigwa u Barbuda |
| AI | Angwilla |
| AN | L-Antilli ta’ l-Olanda |
| BB | Il-Barbados |
| BH | Il-Baħrejn |
| BM | Il-Bermuda |
| BS | Il-Baħamas |
| BZ | Il-Belize |
| CK | Il-Gżejjer Cook |
| DM | Dominika |
| GD | Il-Grenada |
| GG | Guernsey |
| GI | Ġibilta |
| HK | Ħong Kong |
| IM | Isle of Man |
| JE | Jersey |
| JM | Il-Ġamalka |
| KN | Saint Kitts and Nevis |
| KY | Cayman Islands |
| LB | Il-Libanu |
| LC | Saint Lucia |
| LI | Il-Liechtenstein |
| LR | Il-Liberja |
| MH | il-Gżejjer Marshall |
| MS | Montserrat |
| MV | Il-Maldivi |
| NR | Nauru |
| NU | Niue |

| Kodiċijiet ISO | Ċentri finanzjarji Barra l-Pajjiż ta' l-Eurostat + OKEŻ |
|---|---|
| PA | Il-Panama |
| PH | Il-Filippini |
| SG | Is-Singapore |
| TC | Turks and Caicos Islands |
| VC | Saint Vincent and the Macrurus fabricii |
| VG | Virgin Islands, British |
| VI | Virgin Islands, US |
| VU | Vanuatu |
| WS | Samoa |

*Tabella 8*

**Lista ta' organizzazzjonijiet internazzjonali** (1) **għat-tqassim (breakdown) skond il-ġeografija tal-BĊE għall-flussi tal-bilanċ tal-pagamenti ta' kull kwart tas-sena u data annwali tal-posizzjoni ta' investiment internazzjonali**

1. **L-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea**

1.1. *L-istituzzjonijiet il-kbar, organi u organiżmi ta' l-Unjoni Ewropea (eskluż il-BĊE)*

BEI (Bank Ewropew ta' l-Investiment)

KE (Kummissjoni Ewropea)

FEŻ (Fond Ewropew ta' Żvilupp)

FEI (Fond Ewropew ta' l-Investiment)

1.2. *Istituzzjonijiet, organi u organiżmi oħra ta' l-Unjoni Ewropea koperti mill-budget ġenerali*

Il-Parlament Ewropew

Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

Il-Qorti tal-Ġustizzja

Il-Qorti ta' l-Awdituri

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali

Il-Kumitat tar-Reġjuni

2. **Organizzazzjonijiet internazzjonali**

2.1. *Organizzazzjonijiet internazzjonali monetarji*

FMI (Fond Monetarju Internazzjonali)

BĦI (Bank għal Ħlasijiet Internazzjonali)

2.2. *Organizzazzjonijiet mhux monetarji internazzjonali*

2.2.1. L-organizzazzjonijiet il-kbar tan-Nazzjonijiet Uniti

ODK (Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ)

BIRŻ (Bank Internazzjonali għar-Rikostruzzjoni u Żvilupp)

AIŻ (Assocjazzjoni Internazzjonali għall-Iżvilupp)

(1) Ibbażati fuq il-vade-mecum dwar BtP tal-Kummissjoni Ewropea (Eurostat).

2.2.2. Organizzazzjonijiet oħra tan-Nazzjonijiet Uniti

UNESCO (Organizzazzjoni Edukattiva, Xjentifika u Kulturali tan-Nazzjonijiet Uniti)

FAO (Organizzazzjoni ta' l-Ikel u l-Agrikultura)

ODS (Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa)

FIŻA (Fond Internazzjonali għal Żvilupp Agrikolu)

KIF (Korporazzjoni Internazzjonali għall-Finanzjament)

AGIM (Aġenzija għall-Garanzija ta' Investiment Multilaterali)

UNICEF (Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tfal)

KGNUR (Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati)

UNRWA (Aġenzija tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rilif u Xogħol għal-Palestina)

AIEA (Aġenzija Internazzjonali dwar l-Enerġija Atomika)

OIX (Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol)

UIT (Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni)

2.2.3. Istituzzjonijiet, organi u organiżmi internazzjonali oħra kbar (eskluż il-BĊE)

OKŻE (Organizzazzjoni għal Koperazzjoni u Żvilupp Ekonomiku)

BIAŻ (Bank Inter-Amerikan għal Żvilupp)

BAfŻ (Bank Afrikan għal Żvilupp)

BAsŻ (Bank Asjatiku għal Żvilupp)

BERŻ (Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u Żvilupp)

KII (Korporazzjoni Inter-Amerikana għall-Investiment)

BNI (Bank Nordiku għall-Investiment)

BIKE (Bank Internazzjonali għal Koperazzjoni Ekonomika)

BII (Bank Internazzjonali għall-Investiment)

BKŻ (Bank Karibbew għall-Iżvilupp)

FMG (Fond Monetarju Għarbi)

BADEA (Banque arabe pour le développement économique en Afrique)

BSAĊŻ (Bank ta' l-Istati Afrikani Ċentrali għall-Iżvilupp)

Fond Afrikan għall-Iżvilupp

Fond Asjatiku gġall-Iżvilupp

Fonds spécial unifié de développement

BAĊIE (Bank ta' l-Amerika Ċentrali għall-Integrazzjoni Ekonomika)

KAŻ (Korporazzjoni ta' L-Andes għall-Iżvilupp)

2.2.4. Organizzazzjonijiet internazzjonali oħra

OTAT (Organizzazzjoni tat-Trattat ta' l-Atlantiku tat-Tramuntana)

Kunsill ta' l-Ewropa

KISA (Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar)

AES (Aġenzija Ewropea ta' l-Ispażju)

UEP (Uffiċċju Ewrioew tal-Patenti)

EUROCONTROL (Organizzazzjoni Ewropea għas-Sigurezza fin-Navigazzjoni ta' l-Ajru)

EUTELSAT (Organizzazzjoni Ewropea tat-Telekomunikazzjonijiet bis-Satellita)

INTELSAT (Organizzazzjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjonijiet bis-Satellita)

UEX/UER (Unjoni Ewropea tax-Xandir/Union européenne de radio-télévision)

EUMETSAT (Organizzazzjoni Ewropea għall-Utilizzazzjoni ta' Satelliti Meteoroloġiċi)

OEN (Osservatorju Ewropew tan-Nofsinhar)

ĊETTM (Ċentru Ewropew għat-Tbassir tat-Temp fuq Medda-Medja)

LERN (Laboratorju Ewropew għall-Bijoloġija Molekulari)

CERN (Organizzazzjoni Eweopea għar-Riċerka Nukleari)

OIE (Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Emigrazzjoni)

*ANNESS IV*

## TRASMISSJONI TA' DATA LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jużaw il-faċilita pprovduta mis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ), li tiddependi mix-xibka ta' telekomunikazzjonijiet "ESCB-Net", għat-trasmissjoni elettronika ta' l-informazzjoni statistika rekwiżita mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE). L-iskambjamenti kollha ta' data fis-SEBĊ jużaw l-istess mudell ta' data konċettwali. Il-format tal-messaġġ statistiku żviluppat għal dan l-iskambju elettroniku ta' informazzjoni statistika huwa l-format "GESMES/TS". Dan ir-rekwiżit ma jimpedixxix l-użu ta' xi mezzi oħra ta' trasmizzjoni ta' informazzjoni statistika lill-BĊE bħala soluzzjoni sekondarja maqbula.

Il-BĊNi josservaw ir-rakkomandazzjonijiet elenkati hawn iktar 'l isfel biex jiżguraw li t-trasmissjoni tad-data tiffunzjona m'mod sodisfaċenti.

— Kompletezza: Il-BĊNi jirrapportaw is-*series keys* kollha rekwiżiti. L-irrapportar ta' ebda *series keys* jew *series keys* mhux elenkati għandu jkun ikkunsidrat bħala rrapportar inkomplet. Jekk xi osservazzjoni tkun nieqsa, l-ommissjoni tkun irreġistrata billi tintuża l-bandiera (flag) ta' l-istatus ta' osservazzjoni korrispondenti. Barraminhekk, meta reviżjonijiet isiru lil *sub-set* ta' *series keys* biss, ir-regoli ta' validita għandhom ikunu applikati għall-bilanċ tal-pagamenti kollu.

— Konvenzjoni ta' sinjali: it-trasmissjoni ta' data mill-BĊNi għall-BĊE kif ukoll għall-Kummissjoni Ewropea (Eurostat) issegwi konvenzjoni ta' sinjali uniformi għad-data kollha li għandhom ikunu rrapportati. Taħt din il-konvenzjoni ta' sinjali, kreddti u debiti fil-kont kurrenti u kapitali għandhom ikunu rrapportati b'sinjal *plus*, filwaqt li bilanċi netti għandhom ikunu kkalkolati u rrapportati bħala kreddti *minus* debiti. Fil-kontij finanzjarju, tnaqqis f'attiv nett/żidied f'passiv nett għandu jkun irrapportat b'sinjal *plus*, filwaqt li żidiet f'attiv nett/tnaqqis f'passiv nett għandhom ikunu rrapportati b'sinjal *minus*. Bilanċi nett għandhom ikunu kkalkolati u rrapportati bħala bidliet netti fl-attiv *plus* bidliet netti fil-passiv.

  Fit-trasmissjoni ta' data tal-posizzjoni ta' investiment internazzjonali, il-posizzjonijiet netti għandhom ikunu kkalkolati u rreġistrati bħala posizzjoni ta' attiv *minus* posizzjoni ta' passiv.

— Identitajiet ta' *accounting* tad-data: ir-regoli ta' validazzjoni li tqassmu u li huma disponibbli jekk jintalbu għandhom ikunu impimentati mill-BĊNi qabel id-data jkunu trasmessi lill-BĊE.

Kull meta jiġru reviżjonijiet, il-BĊNi jistgħu jibagħtu sett data aġġornat lill-BĊE. Kull reviżjoni għandha tkun trasmessa kif ġej:

— reviżjonijiet għad-data ta' kull xahar jintgħamlu disponibbli mas-sottomissjoni ta' (i) id-data korrispondenti ta' kull kwart tas-sena; (ii) id-data riveduti korrispondenti ta' kull kwart tas-sena; (iii) id-data tal-posizzjoni ta' investiment internazzjonali għ-sena korrispondenti; u (iv) id-data riveduti tal-posizzjoni ta' investiment internazzjonali għas-sena korrispondenti;

— reviżjonijiet tad-data ta' kull kwart tas-sena jintgħamlu disponibbli mas-sottomissjoni ta' (i) id-data għall-kwart tas-sena li jmiss; (ii) id-data tal-posizzjoni ta' investiment internazzjonali għas-sena korrispondenti; u (iii) id-data riveduti tal-posizzjoni ta' investiment internazzjonali għas-sena korrispondenti;

— reviżjonijiet tad-data annwali tl-posizzjoni ta' investiment internazzjonali jintgħamlu disponibbli mas-sottomissjoni tad-data għas-snin li ġejjin.

Reviżjonijiet għad-data tal-bilanċ tal-pagamenti ta' kull xahar u ta' kull kwart tas-sena konnessi ma' snin kompleti għandhom jintagħmlu disponibbli mil-BĊNi lill-BĊE mas-sottomissjoni tad-data tal-posizzjoni ta' investiment internazzjonali għasena li magħha d-data huma konnessi.

*ANNESS V*

## IMMONITORJAR TA' METODI TA' KOMPILAZZJONI STATISTIKA

Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jimmonitorja l-metodi ta' kompilazzjoni użati għall-irrapportar ta' l-istatistiċi tal-bilanċ tal-pagamenti u tal-posizzjoni ta' investiment internazzjonali, kif ukoll il-konċetti u definizzjonijiet applikati fuq bażi regolari mill-Istati Membri parteċipanti. L-immonitorjar għandu jitwettaq in konnessjoni ma' l-aġġornament tal-pubblikazzjoni tal-metodi statistiċi tal-bilanċ tal-pagamenti/posizzjoni ta' investiment internazzjonali ta' l-Unjoni Ewropea tal-BĊE (il-Ktieb tal-BtP), u billi tintuża l-proċedura ta' reviżjoni ta' kull sitt xhur. Minbarra l-għan ta' mmonitorjar, iż-żewġ dokumenti jimmiraw lejn li jinformaw lill-kompilaturi tal-bilanċ tal-pagamenti fiż-żona euro dwar żviluppi fi Stati Membri oħra fiż-żona euro.

Il-Ktieb tal-BtP fih informazzjoni dwar l-istruttura ta' l-istatistiċi tal-bilanċ tal-pagamenti u posizzjoni ta' investiment internazzjonali ta' l-Istati Membri kollha. Huma deskrizzjonijiet iddettaljati ta' metodi ta' kompilazzjoni ta' data u tal-konċetti u definizzjonijiet applikati, kif ukoll informazzjoni dwar tbegħid mid-definizzjonijiet maqbula għall-istatistiċi tal-bilanċ tal-pagamenti u posizzjoni ta' investiment internazzjonali fl-Istati Membri.

Il-Ktieb tal-BtP huwa aġġornat fuq bażi annwali f'koperazzjoni stretta ma' l-Istati Membri.

Ir-reviżjoni ta' kull sitt xhur titwettaq biex tikkomplimenta dan l-aġġornament.

*ANNESS VI*

## ĠBIR TA' DATA FIŻ-ŻONA TA' INVESTIMENT F'PORTAFOLL

Minħabba d-diffikultajiet inerenti biex issir identifikazzjoni korretta tal-flussi u ħażniet ta' investiment f'portafoll, kien ikkunsidrat meħtieġ li jkunu ddefiniti avviċinamenti komuni għall-kollezzjoni ta' din l-informazzjoni maż-żona euro kollha ([1]).

Sistemi ta' kollezzjoni ta' investiment f'portafoll jikkonformaw ma' mudell ikklassifikat għall-inqas bħala "aċċettabbli" fit-tabella li ġejja:

| | | |
|---|---|---|
| (1) | Flussi ta' kull xahar(s-b-s) + ħażniet ta' kull xahar (s-b-s) | Ideali |
| (2a) | Flussi ta' kull xahar (s-b-s) + ħażniet ta' kull kwart tas-sena (s-b-s) | merkanzija |
| (2b) | Flussi ta' kull xahar (s-b-s) + ħażniet ta' kull sena (s-b-s) | |
| (3) | Ħażniet ta' kull kwart tas-sena (s-b-s) + flussi ta' kull xahar (agg.) | aċċettazzjoni |
| (4) | Ħażniet ta' kull xahar (agg.) + flussi ta' kull xahar (agg.) | |
| (5) | Ħażniet ta' kull xahar (s-b-s) + flussi derivati ta' kull xahar (s-b-s) | |
| (6) | Ħażniet ta' kull sena (s-b-s) + flussi ta' kull xahar (agg.) | |
| (7) | Ħaħniet ta' kull kwart tas-sena (agg.) + flussi ta' kull xahar (agg.) | |
| (8) | Ħażniet derivati ta' kull sena (s-b-s) + flussi ta' kull xahar (s-b-s) | Mhux aċċettabbli |
| (9) | Ħażniet ta' kull kwart tas-sena (s-b-s) + flussi derivati ta' kull kwart tas-sena (s-b-s) + flussi stmati ta' kull xahar (agg.) | |
| (10) | Ħażniet ta' kull sena (s-b-s) + flussi ta' kull kwart tas-sena (agg.) + flussi stmati ta' kull xahar (agg.) | |
| (11) | Ħażniet ta' kull kwart tas-sena (agg.) + flussi ta' kull kwart tas-sena flows (agg.) + flussi stmati ta' kull xahar (agg.) | |
| (12) | Ħażniet derivati ta' kull sena (agg.) + flussi ta' kull xahar (agg.) | |

*Noti:*
"s-b-s" = kollezzjoni ta' data sigurta-b'-sigurta.
"agg." = kollezzjoni ta' data fuq bażi ta' aggregazzjoni.
"ħażniet derivati" = kumulazzjoni ta' flussi.
"flussi derivati" = bħala differenza ta' ħażniet (aġġustata għal bidliet fir-rata tal-kambju u prezz).
"flussi stmati" = imqassma f'xhur stmati minn flussi ta' kull kwart tas-sena.

([1]) Ara wkoll ir-rapport tal-BĊE Task Force on Portafolio Investment Collection Systems, rapport finali, Ġunju 2002 ippubblikat fuq il-website tiegħu: http://www.ecb.int.